MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 1164/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**PHILIP ZAHRA**

**Illum 22 ta' Gunju , 2015**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **PHILIP ZAHRA, bin Joseph u Frances nee' Bonnici, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Frar, 1972 u residenti 20, St. Rita, Triq il-Minfah, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 111372(M)** gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Novembru, 2013 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (03:00p.m.):-

Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D. MP persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D. MP persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti.

U aktar talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D. MP.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D. MP sabiex jingurjah, jheddu jew jaghmillu hsara.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja jew hedded lil Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D MP.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'vettura tal-ghamla Subaru numru ta' registrazzjoni ABL 949, ostakola l-passagg liberu ghall-vetturi ohra.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' ghal Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D. MP jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat (Art. 412C Kap. 9 tal-Kodici Kriminali).

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-garanzija tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D. MP skond artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom certifikat mediku a fol. 7, okkorrenza a fol. 8 et seq., stqarrija a fol. 11 et seq., fedina penali a fol. 14 et seq.,estratt mill-att tat-twelid li jinsab a fol. 16, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Novembru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens jinsab a fol. 17, il-passaport u l-karta tal-identita' tal-imputat li jinsabu a fol. 19 tal-Process.

Rat illi meta sar l-ezami nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru, 2013 (fol. 18) l-imputat iddikjara li ma kellux

oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u konsegwentement deciz minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq imsemmija.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u semghet lix-xhieda tad-difiza.

Ikunsidrat:

Illi nhar il-25 ta' Novembru, 2013 xehed l-**Onorevoli Dr. Joe Sammut** u spjega li nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, 2013 hu kien ghaddej fuq attivita' politika tieghu kif jaghmel is-soltu, peress li hu deputat parlamentari u ghall-habta tas-saghtejn u nofs (2:30) hu kien mistieden bhala deputat min-naha tal-Gvern f'attivita' lejn Bugibba.  Huwa fil-fatt kien qieghed isuq il-vettura, kien tiela' ghall-affari tieghu, waqaf hdejn it-*traffic lights* ta' hdejn il-Luxol, sab li kien hemm vettura li mblukkatlu l-passagg, u dak il-hin ra lill-imputat odjern li gharaf prezenti fl-Awla.  Dan hareg mill-vettura tieghu u mar hdejn il-vettura tax-xhud b'arma f'idejh, b'sikkina.  Jghid li hu qallu fil-fatt li huwa mignun biex imur b'arma f'idu u quddiem membru Parlamentari w l-imputat dak il-hin qabad u tah daqqa ta' ponn fuq xufftejh,  dahal fil-karozza u telaq l'hemm.  Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament jafx lill-imputat, spjega li le ma jafux. Mistoqsi kif effettivament l-imputat spicca quddiem il-Qorti, spjega li huwa sussegwentement ha n-numru

tan-*number plate* tal-vettura tal-aggressur tieghu u mar jaghmel ir-rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fejn infurmahom bin-numru tal-karozza. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwiex cert li l-agressur huwa l-imputat odjern, spjega li iva minn dan huwa cert.

Kompla li sussugwentament huwa mar l-isptar, gie ezaminat minn tabib u effettivament gie moghti certifikat mediku. Gie muri certifikat mediku esebit f'dawn l-atti, u spjega li dan huwa l-istess certifikat li hu effettivament ghadda lill-Pulizija. Ic-certifikat gie rilaxxat mit-tabiba Dr. Patricia Galea nhar l-24 ta' Novembru, 2013. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa kienx jaf lill-imputat politikament jew tramite l-professjoni tieghu qabel dan l-incident hu sahaq li hu ma kellu l-ebda inkontru mieghu qabel. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament indirizzahx jew kellmux, spjega li iva,l-imputat beda jkellmu, pero' huwa kien naturalment mohhu fl-arma li dan kellu f'idu. Li jaf zgur huwa, li meta tah daqqa ta' ponn, qallu: "*issa gawdi, la inti membru parlamentari*".

Mistoqsi kif kien l-attegjament tal-imputat, spjega li kien wiehed agressiv, mar fuq il-bieba tieghu, bis-sikkina f'idejh. Jaf li kien fil-kumpanija ta' mara. Mistoqsi jekk il-mara li kienet mieghu ippartecipatx, spjega li safejn jaf hu, jaf li kienet hdejn il-bieba pero' lilu ma ghamlitlu xejn. Spjega li l-incident gara ta' malajr ghaliex l-imputat telaq jigri 'l hemm. Mistoqsi kif kienet l-arma in kwistjoni, spjega li kienet arma, speci ta' sikkina, jahseb li kienet tal-bahar, ghax kienet tleqq tal-i*stainless steel*. Spjega li dejjem kienet xi erba' (4) jew hames (5) pulzieri.

Illi nhar it-18 ta’ Frar, 2014 xehed **PC 1294 Brian Bugeja** u spjega li gie mitlub biex jaghmel ricerka dwar certu Philip Zahra b'numru tal-karta tal-identita' 111372(M) jekk ghandux xi tip ta' licenzja ta' armi rregistrati fuq ismu. Dan ikkonferma li fil-fatt Zahra m'ghandu l-ebda arma rregistrata fuq ismu. Iddikjara li qed jesebixxi Dok. BB1 li huma d-dettalji ta' Philip Zahra li m'ghandu l-ebda armi rregistrati mal-Pulizija. Jghid li dan kellu licenzja tal-kacca u xi senter fuq ismu pero' m'ghadx ghandu. Dan kien sas-sena elfejn u tnejn (2002). Huwa esebixxa kopja ta’ din il-licenzja li kellu u din giet immarkata bhala dokument BB2.

Illi nhar it-18 ta’ Frar, 2014 xehed **Brian Farrugia** u spjega illi gew mitlubin mill-Pulizija biex jghidu min hu sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABL-949. Spjega li minn ricerka li ghamel fi hdan l-Awtorita' ta' Transport Malta jirrizultalu illi l-vettura b'numru tar-registrazzjoni ABL-949 hija vettura tal-ghamla Subaru Sambar, li huwa forma ta' *glass van* ta' lewn bajdani. Dan il-van qieghed registrat f'isem Philip Zahra bil-karta tal-identita' 111372(M) u ilu hekk registrat fuq ismu mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ghadu hekk registrat sallum. Esebixxa d-dokumentazzjon tar-ricerka li ghamel hu li giet immarkata bhala Dok. BF1.

Illi nhar it-18 ta’ Frar, 2014 xehed **PS1245 Klaus Mifsud** u spjega li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena ta’ qabel kien qieghed xoghol l-Ghassa u ghall-habta tal-erbgha neqsin wiehed u

ghoxrin minuta (3:39) mar Dr. Joseph Mario Sammut jaghmel rapport l-Ghassa li kien ghad kemm kellu ncident fi Triq Sant' Andrija, San Giljan fejn Jessie Bar.  Dan kien spjegalhom li kien ghaddej bil-vettura tieghu, kien hemm vettura quddiemu li waqfet, ix-xufier tal-vettura hareg u mar fid-direzzjoni tieghu. Kif dan kien kwazi wasal mal-vettura, il-vittma nduna li kellu xi sikkina, u ghalhekk hu ddefenda ruhu w tah xi daqqa ta' bieba u l-individwu tah daqqa ta' ponn.

Ix-xhud kompla li Dr. Sammut kien qalilhom li ma kienx jaf l-aggressur tieghu imma kull ma kien jaf hu l-ahhar erba' (4) numri tan-*number plate* L-949.  Kienu ghamlu ricerka fuq is-sistema tal-Pirs u l-vettura rrizultat li kienet Subaru bajda ABL-949 u rregistrata f'isem is-Sur Zahra l-akkuzat. Urew ir-ritratt minn fuq is-sistema tal-Pirs ta' sid il-vettura lil Dr Sammut u l-istess Dr. Sammut gharfu mill-ewwel u b'hekk huwa mar fir-residenza tieghu biex jarrestah. Kien informa ukoll lill-Ispettur.  Ikkonferma li kien qieghed jaghraf lill-imputat prezenti fl-Awla.

Spjega li kien mar fir-residenza ta’ Zahra fin-Naxxar u ma sabuhx hemm, kien fetah it-tifel tieghu li tah in-numru tal-*mobile* u hu cempel lis-Sur Zahra w qallu biex jinzel l-Ghassa San Giljan.  Qallu rigward l-incident li kellu fi Triq Sant' Andrija.  Ftit wara l-imputat mar l-Ghassa kellmu, arrestah, tah id-dritt tal-Avukat, qallu li jista' jkellem u ghandu dritt biex ikellem Avukat u ghazel li jkellem lill-

Avukat Dr. Micallef Stafrace. Fil-fatt kien kellem lil Dr. Micallef Stafrace.

Zied li kif l-imputat kien qieghed l-Ghassa, huwa kien ghamel tfittxija ghas-sikkina fil-vettura tieghu, fil-prezenza tal-mara tieghu, pero’ ma sabhiex. Imbaghad marru ghamlu tfittxija fejn l-imputat qal li kien mar iqatta’ n-nofs ta' nhar u cioe’ lejn in-Naxxar fejn hemm it-Torri tal-Ghallies fejn qalilhom li ghandhom kamra. Marru hemmhekk. Ghamlu tfittxija hemmhekk pero’ lanqas hemmhekk ma sabu s-sikkina.

Spjega li parti mill-okkorrenza dahhalha hu. Muri rapport li qieghed inserit a fol. tmienja (8), disgha (9) u ghaxra (10) tal-Process ikkonferma li dan huwa l-istess rapport li huwa hejja w li m’ghandu xejn xi jzid jew inaqqas.

L-istess xhud xehed fl-istess seduta in kontro-ezami fejn spejga illi huwa ghamel din it-tfixxija minhabba dak li kien qal Dr. Sammut u cioe’ li kien gie aggredit mill-imputat waqt li dan kellu sikkna f’idejh. Huwa spjega li fittxew fil-vettura li l-imputat kien qieghed isuq, specjalment in-naha tad-*driver* u mbaghad marru u ghamlu tfittixija f'dik il-kamra li qeghda fejn it-Torri tal-Ghallies. Pero’ baqghu ma sabuhiex.

Xehed li meta staqsew lil Philip Zahra fuq is-sikkina, dan qalilhom li fl-ebda hin ma kellu sikkina. Huwa spjega li mbaghad ftit wara Dr. Sammut kien ipprezenta certifikat, u dan ghaliex kien mar l-isptar u nghata certifikat minghand Dr. Rebecca Galea li kellu *bruising and swelling of the upper lip, upper and lower lip*. Ikkonferma li meta kellem lil Dr. Sammut deher li kien qala' daqqa fuq xofftu. Huwa spjega li Dr. Sammut kien qalilhom li kif ra lill-persuna gejja lejh hu hareg mill-vettura biex ikellmu u kif rah wasal mal-bieba, u ra li kellu

sikkina, hu kien qabad u ddefenda ruhu bil-bieba stess. Imbaghad wara l-akkuzat tah daqqa ta' ponn. Huwa ftakar li Dr. Sammut qalilhom li ma harigx mill-karozza. Huwa jahseb li s-Sur Philip Zahra tah daqqa ta' ponn skond kif qallu Dr. Sammut, ghaliex kien hemm it-tieqa miftuha, pero' dan x'jahseb hu ghaliex ovvjament ma kienx hemm.

Spjega li kien Dr. Sammut li qallu li hu kien hemm, il-vettura ta' quddiemu waqfet, u ra persuna hiereg minn din l-istess vettura sejra fid-direzzjoni tieghu, u kif wasal mieghu nduna li kellu sikkina. Dr. Sammut baqa' fil-vettura w iddefenda lilu nnifsu billi tah daqqa ta' bieba, w din il-persuna tat daqqa ta' ponn u laqtet lil Dr. Sammut fuq xufftejh. Huwa spjega li ma staqsiex lil Dr. Sammut fuq it-tieqa. Huwa spjega li jimmagina li dan kien qed isuq il-vettura ghax kien wahdu. Dawn kienu fi Triq Sant'Andrija li hija *two* (2) *lane* pero' ma staqsiehx jekk il-karozza ta' Philip Zahra kinitx fuq il-lemin jew kinitx fuq ix-xellug u ghalhekk ma jafx jekk

Dr. Sammut setax ikompli ghaddej. Huwa spjega li Dr. Sammut ma kienx qallu li s-Sur Philip Zahra imblukkah b'xi mod fit-triq. Huwa spjega li dak li qalilhom gie miktub kollu fir-rapport. Tenna li ma kellux allegazzjoni li s-Sur Philip Zahra bblukkalu t-triq. Huwa tenna dak miktub li "*all of a sudden the vehicle in front of him stopped and a male person came out of the vechicle".*

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk meta l-*complainant* Dr. Sammut mar jaghmel rapport u qallu x'gara w ma garax, u qallu li kien ra lill-akkuzat niezel minn gol-karozza riesaq lejh, qallux jekk hu kienx kellem lill-akkuzat. Ix-xhud wiegeb li kien kiteb dak kollu li kien qallu fir-rapport tieghu. Zgur li kien qallu li kien hemm il-vettura ta' quddiemu li waqfet u li minnha harget persuna ghalih. Imma x'kien id-diskors m'ghandux miktub. Mistoqsi jekk jafx Dr. Sammut x'kariga ghandu huwa wiegeb fl-affermattiv u zied li nfatti nizzilha wkoll li huwa Membru Parlamentari.

L-istess xhud in ri-kontro-ezami gie mistoqsi mid-difiza jekk il-kariga ta' Dr. Sammut b'xi mod tinfluwenzax l-investigazzjonijiet tieghu dak il-hin u huwa sahaq li li le, fl-ebda hin ma tinfluwenza.

Illi nhar it-18 ta' Frar, 2014 xehed l**-Ispettur Trevor Micallef** u spjega li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tal-erbgha neqsin ghoxrin (3:40) kien gie

nfurmat mis-Surgent 1245 Klaus Mifsud illi kien ghadu kif mar l-Onorevoli Dr. Joseph Mario Sammut detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 430083(M) jaghmel rapport dwar incident li kien ghadu kif sehh ftit tal-minuti qabel waqt li kien qed isuq il-vettura personali tieghu fi Triq Sant' Andrija, San Giljan fil-vicinanzi ta' Jessie's Bar. Is-Surgent li ha r-rapporta kien qallu li Dr. Sammut kien qal li waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu kien hemm vettura ohra li s-sewwieq taghha beda jdoqqlu l-*horn* u hu hallih jghaddi. Il-vettura waqfet quddiemu w hareg ix-xufier. Is-Surgent qallu li Dr. Sammut qal li kien ha johrog mill-vettura, pero' nduna li x-xufier tal-vettura l-ohra kellu sikkina f'idu, w allura ghalaq il-bieba w ma harigx u dan l-allegat vittma qallu: "*taf x'inti taghmel*?" Qallu: "*jiena l-Onorevoli Dr. Sammut*" imbaghad x'hin rah li xorta ha jibqa jillatika mieghu qabad tah daqqa ta' bieba, fetah il-bieba w tah daqqa ta' bieba biex forsi jressqu l-boghod minnu. L-Ispettur kompla jixhed li s-Surgent kien qallu li skond Dr. Sammut flimkien max-xufier ta' dik il-vettura kien hemm il-mara tieghu, pero' din fl-ebda hin ma kienet imdahhla fl-incident per se. Pero' x-xufier tal-vettura l-ohra, li rrizulta li huwa l-imputat prezenti fl-Awla, rnexxielu jaghti daqqa ta' ponn lil Sammut. Imbaghad qabad dahal fil-vettura u saq l'hemm.

Qal li Dr. Sammut kien irnexxielu jaghti lill-Pulizija t-tlett (3) numri tan- *number plate* tal-vettura, w minn investigazzjonijiet ohra rrizulta li l-vettura kienet ABL-949 tal-ghamla Subaru u sid il-vettura huwa l-imputat. Kompla li dan kien gie arrestat u kienet

saret tfittixija. Jispjega li huwa kien hadlu stqarrija dakinhar stess wara li kien inghata s-solita twissija u wara li kien kellem lil Dr. Yana Micallef Stafrace. L-imputat kien irrilaxxa stqarrija li kien ghazel li jiffirma. Ikkonferma li prezenti ghal din l-istqarrija kien hemm hu, l-imputat, PC 918 u fl-ufficcju wkoll kien hemm is-Supretendent D'Anastas li dak iz-zmien kien ghadu l-Ghassa tas-Sliema.

Sostna li fl-istqarrija l-imputat kien innega li huwa f'xi hin kellu xi sikkina izda qal li jista' jkun li kien laqat bi zball lil Dr. Sammut pero' bl-ebda ntenzjoni. Ikkonferma li l-istqarrija tal-imputat qeghda a fol. hdax (11), tnax (12) u tlettax (13) tal-Process u li fuqha jaghraf il-firma tieghu, ta' Philip Zahra u ta' PC 918 Clayton Azzopardi. Ipprezenta, ai fini tar-recidiva, sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali datata l-erbgha u ghoxrin (24) t'Awissu, tal-elfejn u ghaxra (2010) fl-ismijiet **'Pulizija (Spettur Kevin Farrugia) vs Philip Zahra**' li giet esebita bhala Dok. SM1.

In kontro-ezami mistoqsi mid-difiza jekk il-mara ta' Philip Zahra haditx parti f’dan l-incident, jghid li mill-investigazzjonijiet li ghamel ma rrizultalux li hija harget mill-karozza f'xi hin. Spjega li pero' l-imputat beda jghidlu, bhal speci, qisu kollox bil-maqlub, li waqt li kien qed isuq beda joffendih Dr. Sammut imbaghad waqfu, hareg mill-karozza vera u bhal speci l-mara tieghu pruvat tikkalma

s-sitwazzjoni. Mistoqsi mid-difiza jigifieri jekk l-imputat qallux tul l-investigazzjonijiet li huwa ghamel hekk ghaliex Dr. Sammut kien qed joffendih huwa spjega li iva. Mistoqsi mid-difiza dwar id-daqqa ta' ponn li Dr. Sammut qed jallega li qala', jghid li kien staqsa lil Dr. Sammut u dan qallu, bhal speci kellu t-tieqa miftuha. Fil-fatt Dr. Sammut qal li kien kellem lill-aggressur dak il-hin u hu fehem li dan qallu minn got-tieqa bhal speci, *"taf x'inti taghmel? ... jiena l-Onorevoli Sammut"*. Ghalhekk ikkonkluda li kellu t-tieqa miftuha.

Mistoqsi jekk Dr. Sammut setax ikompli jsuq, jghid li dan kien qallu li ma setax ghax l-imputat kien waqaf quddiemu. Huwa spjega li dan sehh fil-vicinanzi ta' Jessie's Bar, taqbez Jessie's Bar fejn hemm dik qisha *bus stop* fejn hemm it-*traffic lights,* pero' sostna li *cameras* m'hemmx ghax iccekja ghalihom ukoll.

Illi din il-kawza flimkien ma' numru ikbar ta' kawzi gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u ghalhekk din il-Qorti appuntat il-kawza ghal quddiemha ghall-kontinwazjoni.

Illi nhar is-7 ta' Novembru, 2014 xehdet **Dr. Rebecca Galea** u spjegat li hija kienet ezaminat lill-Onorevoli Dr. Joe Sammut fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, two thousand and thirteen (2013) u dana gewwa d-Dipartiment tal-Emergenza, Mater Dei.

Hija gharfet ic-certifikat rilaxxat minnha, liema certifikat jinsab inserit fl-atti a fol. sebgha (7) tal-Process u hija kkonfermat il-kontenut tieghu. Mistoqsija jekk regghatx rat lill-pazjent minn dakinhar sa llum spjegat illi le ma ratux.

Illi nhar it-2 ta’ Dicembru 2014 xehed l-imputat **Philip Zahra** minn jeddu w b’mod volontarju w spjega kif fil-fehma tieghu sehh l-incident.

Jiftakar li jum l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, elfejn u tlettax (2013) kien jum il-Hadd ghall-habta tat-tlieta (15:00) ta' wara nofsinhar kien sejjer lejn id-direzzjoni ta' St. Andrew's u appena qabez l-ewwel *traffic lights* (u esebixxa ritratti tal-lokalita' in kwistjoni li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument CSH komplessivament), jaf li kien hemm persuna warajh li petpitlu d-dawl. Jghid li kien fuq in-naha tax-xellug sejjer lejn id-direzzjoni ta' St. Andrew's u kif wasal ghal-*lights* ta' wara, proprju fejn hemm il-Luxol Club, waqaf qabel il-*lights* ghaliex kienu homor. Jghid li hemmhekk kien ghadu fuq ix-xellug u l-karozza ta' warajh dahlet proprju fejn hemm il-*bus stop* fuq ix-xellug tieghu u spjega li s-sewwieq ta' din il-vettura kien irrabjat u qallu biex izul min-nofs u kellmu hazin. Qal li t-tieqa tieghu kienet imnizzla u ghalhekk il-persuna f’dik il-vettura kienet fuq ix-xellug tieghu waqt li hu kien ghadu fil-karozza tieghu. Jghid li dak il-hin ipprovokah bi kliemu u jaf li kellmu hazin u ghalhekk dak il-hin nizel mill-karozza w ried

jara ghaliex dik il-persuna offendietu u meta huwa resaq lejh qallu: "*xi tridni naghmel, nghaddi minn fuq il-karozzi?*" Zied li meta wasal iktar hdejh, dan hatfu mill-ewwel mill-gakketta.

Jikkonferma li fil-fatt is-sewwieq tal-vettura l-ohra rassu hafna sew mal-bieba tieghu u kif kien hekk f'dik il-qaghda l-mara nizlet tigri mill-ewwel, u dahlet idha fil-vettura tieghu biex tipprova tehilsu minnu. Jghid li dak il-hin il-mara kienet bezghana hafna u rnexxielu jinheles minnu. Huwa ma ndunax li dik il-persuna fil-fatt kienet membru parlamentari, lanqas gharaf min kienet. Sostna li l-mara tieghu kienet bezghana, rikeb fil-vann u baqa' sejjer lejn Bahar ic-Caghaq.

Mistoqsi jekk ghamilx rapport mal-Pulizija dwar dan l-incident jghid li m'ghamilx. Qal li baqa' sejjer Bahar ic-Caghaq, fejn hemm kamra ta' habib tieghu u qaghdu hemmhekk u wara xi nofs siegha kien cempillu s-Surgent mill-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan u qallu li kellu bzonn ikellmu. Huwa ghalhekk nizel biex ikellmu w sussegwentement jaf li mar l-Ispettur u fil-fatt kien dak il-hin li l-Ispettur qallu li l-persuna ma' min kellu xi jghid kienet membru parlamentari, w hu qallu li ma kienx gharfu.

Jghid li l-Ispettur kien qallu li effettivament hu kien ta bil-ponn lil Dr. Sammut u li kien nizel b'sikkina ghalih, pero' jghid li meta Dr. Sammut xehed f'dawn il-proceduri qal illi s-sikkina kien fiha sitt (6)

pulzieri. Esebixxa kampjun tal-qies dwar l-arma li Dr. Sammut qal li huwa kellu f'idejh li giet immarkata bhala Dok. CSH1. Mistoqsi jekk effettivament il-Pulizija ghamlitx xi tfittxija fil-vann tieghu jghid illi iva, fil-fatt saret tfittxija pero' ma sabu xejn. Saritlu wkoll tfittxija fil-kamra fejn kien qieghed f'Bahar ic-Caghaq, u hemmhekk sabu skieken ghaliex ghandhom *cooker* u gieli jsajru hemmhekk. Jikkonferma li hu griehi ma kellux, pero' qal li l-mara tieghu kellha gerha meta ppruvat tigbdu. Sahaq li fil-fatt kien hu li saq l-ewwel minn fuq il-post, fil-fatt tela' fil-karozza u mar l'hemm. Cahad li effettivament l-agressur tieghu qallu li kien membru parlamentari w sar jaf dan meta kienu l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan.

Illi nhar is-26 ta' Jannar, 2015 xehdet **Josette Zahra**, mart l-imputat. Din qalet li nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Novembru, 2013 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00) kienet riekba mar-ragel taghha fuq quddiem, sejrin fid-direzzjoni ta' Pembroke. Qalet li ftit qabel waslu hdejn it-traffic lights, cioe' fejn hemm il-bus stop faccata tal-grawnd tal-Luxol, xeghlu l-lights u huma waqfu. Qalet li giet karozza min-naha tax-xellug taghhom u x-xufier beda joffendihom u jkellimhom hazin. Fil-fatt sostniet li x-xufier minn qabel kien beda jdoqqilhom il-horn, izda huma ma setghu jaqbzu lil hadd ghax kien hemm hafna traffiku. Mistoqsija ghaliex dan beda jdoqqilhom il-horn, qalet li ma tafx ghax huma kienu fuq in-naha taghhom fuq in-naha ta' barra tat-triq. Stqarret li dak il-hin zewgha nizel biex jara x'gara u li hija wkoll kienet irrabjat meta x-xufier l-iehor beda jkellimhom hazin, ghax huma

kienu mexjin fi triqithom u ma setghu imorru mkien. Ghalkemm ammettiet li zewgha kien irrabjat, qalet pero' li ma kienx irrabjat hafna. Ziedet li zewgha mar hdejn it-tieqa tax-xufier l-iehor u dak gibdu mill-gakketta b'kemm kellu sahha, w meta rat hekk hi nizlet u ppruvat tigbdu lura biex tehilsu w meta helsitu qaltlu biex jitilqu ghax bdiet tibza'.

Cahdet li rat xi affarijiet ohra min-naha tar-ragel taghha. Qalet li huma kienu sejrin go kamra f'Bahar ic-Caghaq u dan l-incident ha biss ftit minuti, kollox ta' malajr, zewg (2) minuti. Sussegwentement cemplulhom mill-ghassa wara li marru jfittxuhom id-dar fin-Naxxar u binhom tahom in-numru tal-mowbajl, u ghalhekk kompliet li huma ma marrux jirraportaw l-incident l-ghassa minn rajhom. Gewwa l-ghassa l-pulizija nterrogaw lil zewgha u wara zammewh gurnata d-Depot u mbaghad haduhom fil-kamra ta' Bahar ic-Caghaq biex ifittxu s-sikkina. Cahdet li zewgha f'xi hin kellu sikkina u spjegat li fil-post kien hemm biss skieken tal-ikel u ma kellhom xejn maghhom.

Mistoqsija mill-Prosekuzzjoni x'kien qalilhom ix-xufier l-iehor tant li zewgha ha daqshekk ghalih u hi qalet li beda jghidilhom 'f'ghoxx kemm ghandkom'. Qalet li zewgha mar saqsih biss ghaliex beda joffendihom. Mistoqsija inoltre jekk meta zewgha nizel mill-karozza kienx il-boghod minnha, jew jekk kinux karozza ma' karozza, hi sostniet li ma kien boghod xejn u li ghajnejha kienu l-

hin kollu fuqhom. Tghid li hi m'gharfitx min kien ir-ragel l-iehor, anzi qalet li meta l-ghassa saret taf min hu qaltilhom li sa fejn taf hi membru parlamentari suppost jaghti l-ezempju mhux jghid dak il-kliem. Cahdet li semeghtu jghid lil zewgha li kien membru parlamentari.

Illi nhar it-2 ta' Gunju , 2015 il-partijiet trattaw il-kawza w talbu lil din l-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi *in breve* l-fatti tal-kaz kienu s-segwenti w cioe' li l-imputat kien ghaddej minn Triq St Andrew's sejjer lejn id-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Warajh inzerta ghaddej il-kwerelant l-Onorevoli Dr. Joseph Sammut bil-vettura tieghu sejjer fl-istess direzzjoni. L-imputat jghid li Dr. Sammut issikkah ghaliex dahal *f'bus stop* li kien hemm fuq ix-xellug tieghu u beda joffendih waqt li l-kwerelant jghid li l-imputat waqaf quddiemu, nizel ghalih u tah daqqa ta' ponn. Li hu zgur hu li f'dan l-incident l-Onorevoli Dr. Sammut spicca b'ferita f'halqu fuq xofftu w skond l-istess Onorevoli Dr. Sammut din sehhet meta l-imputat tah daqqa ta' ponn. L-imputat meta xehed ma cahadx li tah daqqa ta' ponn, jghid biss li kien l-Onorevoli Dr. Sammut li offendih waqt li kien qed isuq, u huwa nizel ghalih meta waqfu hdejn il-*lights* tal-Luxol ghaliex mar ghas-sodisfazzjon u biex jara ghaliex kien allegatament offendih aktar kmieni waqt li kien qed isuq.

Illi ghalhekk huwa dover ta' din il-Qorti sabiex tara jekk il-*fatti specie* tal-kaz jinkwadrawx ruhhom fl-akkuzi moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-allegata vittma li fi ftit kliem jghid li gie aggredit mill-imputat waqt li kien qed isuq ghall-affari tieghu, u dik proposta mill-imputat li jghid li nizel ghas-sodisfazzjon sabiex jara ghaliex il-kwerelant kien insulentah aktar kmieni waqt li kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni ma' genb xulxin sejrin lejn Bahar ic-Caghaq.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, w ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu; u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra; u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm ma ghexitx il-process kollu hija semghet l-aktar zewg xhieda

mportanti f'dan il-kaz, u cioe' il-kwerelant u l-imputat, u ghalhekk wara li semghathom jixhdu *viva voce* quddiemha, setghet tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Fir-rigward tax-xhieda l-ohra m'hemmx dubju li x-xhieda taghhom hija dattilografata u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis din ix-xhieda ai fini ta' xi korroborazzjoni.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll, kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u

dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III, Kap IV pag. 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega f'aktar dettal ir-rapport li kienet ghamlet fil-konfront tal-imputat lill-Pulizija Esekuttiva, u l-imputat ghalkemm mhux obbligat li jixhed ghazel li jixhed u piu' o meno jikkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja *a tempo vergine* tal-investigazzjoni. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero' li mhux kull

icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *'dubju jkun dak* ***dettat*** *mir-raguni.'*

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'Of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen** ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati

flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-*fatti specie* tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif kontemplat fl-**Artikolu 95** tal-Kodici Kriminali, liema artikolu tal-Ligi gie emendat ricentement u cioe' bl-Att V tas-sena 2014 fir-rigward tal-piena. Dan l-artikolu jippovdi dwar ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici ohra jew offizi fuq il-persuna taghhom u jipprovdi dan li gej:-

*"Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel......."*

Illi l-**Artikolu 95** jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma ntenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku, (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita.

L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, jghidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe*

*sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu jghid:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc. of office, provided the offender was aware of his status as such person*." (sottolinear tal-Qorti).

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru, 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale o ad impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficial portasse o no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*." (sottolinear tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-**Maino** u l-**Carrara** jsostnu:

"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita' deve essere nota a chi resiste*."

Illi fil-kaz in dezamina huwa fatt mhux ikkontestat illi l-Onorevoli Dr. Joseph Sammut fil-hin ta' dana l-incident kien qieghed ghaddej ghall-affari tieghu fil-vesti tieghu personali. Kwindi l-imputat qatt ma jista' jinstab hati ai termini tal-**Artikolu 95** illi huwa ghamel

oltragg ghal dan l-ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu. Illi fiz-zewg istanzi l-ohra jrid jigi necessarjament ippruvat *ness* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika u cioe' jrid jigi ppruvat illi l-oltragg ikun sar mill-persuna akkuzata fil-konfront tal-ufficjal pubbliku minhabba xi haga li l-istess ufficjal kien ghamel fil-qadi ta' dmirijietu, jew inkella sabiex ibezzghu meta jigi biex jezegwixxi dawn l-istess dmirijiet u ghalhekk bil-hsieb li jzommu milli jaghmel l-istess.

Fil-ktieb ***Il Codice Penale Italiano Illustrato***[1] ta' **Giovan Battista Impallomeni** taht it-**Titolu III para 393** imsejjah **Dei delitti contro la pubblica amministrazione** jigi enfasizzat li l-legislatur ghamel dan ir-reat ghalih, u cioe' li tingurja ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint milli thedded jew tingurja cittadin komuni peress illi l-ligi trid tipprotegi l-amministrazzjoni pubblika:

*"ma l'inguria, la violenza, le minaccie possono essere commesse contro il pubblico ufficiale non a causa delle sue funzioni ma nell' esercizio dell'amministrazione poiche insieme con l'offesa alla persona e' disturbato la pubblica funzione".*

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale***[2] jiddeskrivi r-reat ta' oltragg bhala:

[1] Vol. II, pag. 222 (Ediz. 1890)
[2] Vol. II, pag. 771 (Ediz. 1977)

*"non e' altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costitutivi esigenti in piu' che il soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e' che questi venga offeso a motivo o mentre esercita la sua funzione*".

L-istess awtur jaghmel enfasi fuq il-kliem "*la sua funzione*" ghaliex jghid li:

*"e un requisito obbiettivo e' nesso funzionale e' cioe' la necessita' che l'offesa avvenga a causa o nell'esercizio delle funzioni. Se difetta tale nesso il fatto dara' luogo al delitto di inguria".*

Ghalhekk jirrizulta li jrid ikun hemm "*il nesso di casualita' tra l'offesa e' la funzione*".

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija v Amante Camilleri**[3] kompliet telabora u tghid illi:

"*hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali) cioe' dana l-animu ingurjanti, jigi presunt u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarja li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li*

---

[3] supra Vide footnote no. 3

*ghaliha dak il-kliem kienu diretti tkun ingurjata cioe' bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dak il-persuna.*"

L-eccezzjoni pero', kompliet tghid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata, hi:

"*jekk pero' il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx, sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dak il-kliem intqal f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu njgurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u li ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikunu per se mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi)".*

In oltre, fil-kaz **Il-Pulizija v Emanuel Pace**[4], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissusisti d-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ngurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "*officio durante ad contemplazione officii*".

4 Qorti ta' l-Appell Kriminali (CA) – 30 ta' April, 1993 (App. Nru. 217/91)

Illi mill-provi akkwiziti ghalkemm ma hemmx dubju illi l-Onorevoli Dr. Joe Sammut huwa ufficjal pubbliku anke meta huwa ma jkunx qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu, madanakollu ma giex ippruvat l-ebda

*ness* bejn dak li sehh u l-qadi ta' dmirijiet tal-kwerelant fil-vesti tieghu ta' Membru Parlamentari.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif kontemplat fl-**Artikolu 96** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrikjedi li l-attakk jew ir-rezistenza fuq ufficcjal pubbliku, ikun bi vjolenza jew b'hebb (vide sentenza moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Borg**) u in oltre li dan l-agir filwaqt li l-ufficcjal pubbliku ikun qe jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. F'din is-sentenza appena imsemmija fejn gie tenut li:

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita' li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigix effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda ntenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-*

*reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista ' il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resiztenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** deciz mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano nhar it-tnax (12) ta’ Settembru, 1996 fejn kien inghad li:

*“Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attack jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza jsir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taqixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-Artikolu 96, ghalkemm*

*huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95.* (sottolinear ta' din il-Qorti bhala enfazi mizjuda).

Dan l-insenjament huwa wkoll ikkonfermat fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza nhar id-disgha (9) ta' Settembru, 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fejn intqal li:

*"Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti*". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) -"*waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*"

Skont il-**Carrara**, fil-**Programma,** Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirrizulta car li dan ir-reat ta' "*resistenza*" – (li huwa jippreferi jsejjah minflok "*ribellione*" u dan fuq it-taghlim tal-**Carmignani)** li hija fil-bazi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-ufficjali ezercenti awtorita' pubblika u l-elementi materjali u formali jridu jigu riflessi l-

ezercizzju tal-azzjoni pozittiva ta’ kommissjoni li turi “*l’antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi*” u cioe’ l-*vires* privat ma’ dak pubbliku.

Illi fil-kaz in ezami ma kien hemm xejn minn dan u dan ghaliex kull ma rrizulta hu li l-imputat ta daqqa ta’ ponn lill-kwerelant Membru Parlamentari waqt li t-tnejn kienu ghaddejjin fi triqithom fi triq pubblika u m’ hemm xejn li jindika li d-daqqa ta’ ponn li ta l-imputat kienet relatata mal-kariga li jokkupa l-kwerelant.

Din l-akkuza wkoll ma tirrizultax ippruvata.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat li kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-kwerelant. M’hemmx dubju li din l-akkuza kif kontemplata fl-**Artikolu 221** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hi ppruvata w dan ghaliex il-kwerelant stqarr li kien l-imputat li tah id-daqqa ta’ ponn f’wiccu u laqtu f’xofftu w kif tiddeskrivi Dr. Rebecca Galea fic-certifikat li hija rrilaxxjat (fol. 7) u kkonfermat minnha l-kwerelant kellu *“bruising, swelling upper and lower lip lateral right margins 1cm laceration inner upper lip.. bleeding controlled*”. Il-kwerelant jghid li appena qala’ din id-daqqa ta’ ponn kien mar l-isptar fejn kien gie nvistat medikament u nghata c-certifikat li ghadda lill-Pulizija. L-imputat meta xehed ma jichadx li kien hu li ta din id-daqqa ta’ ponn lill-kwerelant u ghalhekk tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata. Illi dan l-agir tal-

imputat zgur li ma jiskuzax l-ghemil tieghu u l-Qorti tikkundannah bl-aktar mod sever u ma hija ser thalli lil hadd jaghmilha ta' *'cowboy'* fit-triq a skapitu ta' haddiehor.

Fir-raba' lok l-imputat gie akkuzat talli fl-istess incident huwa kellu fil-pusess tieghu arma bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissaru tal-Pulizija biex izomm tali arma. Jinghad li hawnhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti, dik esposta mill-kwerelant li jghid li gie aggredit mill-imputat waqt li dan kellu f'idejh sikkina ta' xi erba' (4) pulzieri, u l-verzjoni moghtija mill-imputat li jghid li mhux minnu li kellu arma f idejh. Il-Qorti pero' rat il-komportament ta' dawn iz-zewg xhieda waqt li xehedu w filwaqt li l-kwerelant jghid bil-kalma tieghu kif effettivament gie aggredit u jiddeskrivi l-arma li kellu l-imputat, l-imputat aktar f'mohhu sabiex ixejjen ix-xhieda tal-kwerelant milli jghid dak li effettivament gara. Fil-fatt sahansitra anke jesebixxi kampjun maghmul minnu ta' sikkina ta' sitt pulzieri biex juri lill-Qorti t-tul taghha. Il-kwerelant kien konsitenti u dan ghaliex ta din il-verzjoni sa mill-bidu nett *a tempo vergine* meta l-Pulizija kienet qed tinvestiga l-kaz. Pero' filwaqt li l-kwerelant kien wahdu f'dan l-incident u ghalhekk ma kellux xhud sabiex jikkorrobora il-verzjoni tieghu, l-imputat kien akkompanjat minn martu li kkorroboratu f'certu partijiet. Cio' nonostante ma jidhirx li kien hemm xi raguni ghaliex il-kwerelant kellu jigdeb.

Id-difiza donnha ghamlet enfasi fit-trattazzjoni taghha li lanqas is-sikkina li xehed dwarha l-kwerelant ma instabet. Huwa fatt li l-Pulizija ghamlet *search* ghal din is-sikkina zmien wara w ma nstabtix pero' dan il-fatt wahdu ma jfissirx li l-imputat ma kellux pussess ta' sikkina, *molto piu'* meta tqis li l-imputat mar l-Ghassa fuq domanda tal-Pulizija u mhux minn rajh u ghalhekk kellu zmien jiddisponi minn din l-arma. Il-kwerelant min-naha l-ohra mar ghand il-Pulizija minnufih sabiex jirraporta. Illi l-fatt li l-imputat m'ghandux licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igorr arma tirrizulta mix-xhieda li ta PC 1294 Brian Bugeja u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta wkoll. Il-Qorti rat ukoll l-izbriga li ha l-imputat baiex sahansita anke jpingi w jipprezenta dokument materjali li kellu jixbah l-allegata sikkina.

Illi fil-hames lok l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif kontemplata fl**-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied.

Dwar din l-akkuza l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid **Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Proceedings** (pagna 2549) meta jikkwota dak li qal L.J. Romar fil-kaz AG v PYA Quarters:

"*that it is clear in my opinion that any niusance in public which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-ktieb **The Criminal Law of Scotland** (pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon) fejn hemm tifsira ta' x'inhu paci pubblika u precizament fejn jghid:

"*whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Kif kellha okkazzjoni tfisser il-Qorti tal-Appelli Kriminali f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** App. Krim. 24/5/96), bhala regola jkun hemm il-kontravenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Illi ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ippruvata w dan ghaliex il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li effettivament kien hemm xi nkwiet jew thassib f'mohh il-pubbliku.

Fis-sitt lok gie akkuzat talli hebb kontra l-persuna tal-Onorevoli Dr. Joseph Sammut sabiex jingurjah jew jaghmillu l-hsara ai termini tal-**Artikolu 339 (1) (d)** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Joseph Pace</u>** fejn gie deciz li:-

"*Din il-kontravenzjoni kontra persuna ohra sabiex tingurja, ddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, biex il-persuna thebb, <u>ma hemmx ghalfejn</u> li effettivament ikun hemm <u>kuntatt fiziku</u>; bizzejjed li jkun hemm <u>il-potenzjalita’</u> ta' tali kuntatt permezz ta' manifestazzjoni ta' forza fizika ndirizzata lejn dik il-persuna.*"

Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' hebb u cioe:-

"*Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such other person or persons.*"

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat effettivament hebb ghall-kwerelant tant li kkagunalu ferita ta' natura hafifa u dan waqt li l-kwerelant kien gol-vettura tieghu fi triq pubblika.  Din l-akkuza ghalhekk hi ppruvata.

Fis-seba' lok gie akkuzat talli ostakola l-passagg liberu ghall-vetturi ohra permezz tal-vettura tieghu tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni ABL-949.  Illi filwaqt li l-imputat jghid li huwa ma ostakola l-ebda passagg, il-kwerelant jghid li ma setax isuq 'l hemm ghaliex il-vettura tal-imputat kienet quddiemu.  Jinghad li ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti.  Dan ghaliex l-imputat jghid li l-kwerelant ma kienx warajh izda ma' genbu.  Cio' nonostante, anke jekk din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-fatti tal-imputat, xorta thoss li l-kwerelant verament ma setax isuq u dan ghaliex jekk kien ma' genbu - kif jghid l-imputat - dana kien f'*bus bay* u ma tistax tohrog minnha facilment jekk ta' quddiemek ma jcedilekx, ghalhekk din l-akkzua hija ukoll ippruvata.

Dwar it-tmien akkuza, w cioe' talli huwa recidiv, il-Qorti rat is-sentenza esebita fl-atti a fol. 55 immarkata bhala Dok. SM1 u rat li l-*particulars* tal-imputat odjern huma l-istess bhal dawk li jidhru

fuq dik is-sentenza w ghalhekk tiddikjara li qed issibu hati talli huwa recidiv.

Il-Qorti rat il-Fedina Penali tal-imputat u rat li l-imputat kien diga' nstab hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq ufficjal pubbliku w cioe' *warden*, talli attakka w ghamel rezistenza fuq ufficcjal pubbliku, talli hedded u ghamel hsara volontarja fuq proprjeta' ta' ufficjal pubbliku u dan fis-sena 2010 meta kien inghata sentenza sospiza ta' prigunerija ta' sitt xhur. Cio' nonostante pero' ma tghallimx ghaliex rega' jinsab il-Qorti akkuzat b'reati simili w hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti din id-darba trid tuza l-id iebsa mieghu u ma taghtix l- impressjoni li hija tista' thalli nies ghaddejjin fit-triq jagixxu bhala '*cowboys*'.

Ghaldaqstant din il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **l-Artikoli 49, 50, 95, 96, 221, 338 (dd) u 339 (1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 68 u 74 tal- LS 65.11 u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480, u tiddeciedi li ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) akkuza w tilliberah minnhom, pero' ssibu hati tat-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuza w tikkundannah komplessivament piena effettiva ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur. Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' mitejn Ewro €200.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tipprovdi ghall-protezzjoni tal-kwerelant, il-Qorti tordna l-hrug ta' Protection Order ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi qieghda tipprojbixxi w tirrestringi lill-imputat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiza u cioe' l-Onorevoli Dr. Joseph Sammut ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------